MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## S.T.O. PRIM IMHALLEF

## SILVIO CAMILLERI

## ONOR. IMHALLEF

## TONIO MALLIA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2014

Appell Civili Numru. 818/2004/1

**Christopher Polidano**

**v.**

**Onor. Imhallef Dr. Giovanni Caruana Demajo**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni li l-attur ipprezenta fis-27 ta’ Ottubru 2004 li taqra hekk:

“Peress illi fl-20 ta` Mejju, 2003, fi Triq il-Kbira San Guzepp, Hamrun waqt illi l-konvenut kien qed isuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni EAO 379, huwa kien involut f`incident awtomobilistiku mal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni VIP 600 tal-attur u misjuqa minnu u gew kawzati danni fuq l-imsemmija vettura VIP 600;

“Peress illi dan l-incident sehh unikament tort tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta` osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta` l-istess konvenut li saq il-vettura tieghu minn fuq *stop sign* u qasam triq principali minghajr ma ra x`kien gej, kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

“Peress illi b`rizultat ta` dan l-incident l-attur sofra danni fil-vettura tieghu, kif jigi pruvat fit-trattazzjoni tal-kawza, ghall-liema danni ghandu jirrispondi l-konvenut;

“Peress illi l-konvenut mhux qed jaccetta responsabbilita` ghall-imsemmi incident u kwindi ma jridx li jersaq ghall-hlas tad-danni sofferti mill-attur b`rizultat ta` l-incident imsemmi;

“Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex dina l-Qorti m’ghandhiex:

“1. Tiddikjara l-konvenut unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh fi Triq il-Kbira San Guzepp, Hamrun, fl-20 ta` Mejju, 2003 bejn il-vetturi bin-numri tar-registrazzjoni EAO 379 u VIP 600, u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-atturi;

“2. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi okkorrendo bl-opera ta` periti nominandi;

“3. Konsegwentement tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur in linea ta` danni l-ammont hekk illikwidat;

“Bl-ispejjez komprizi dawk ta` l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma` dina c-citazzjoni kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut ai termini tal-Kap. 104, u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li huwa minn issa stess ngunt ghas-subizzjoni.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li permezz taghha eccepixxa illi:

“1. Il-konvenut ma jahtix ghall-incident, ghax hu ha l-prekawzjonijiet kollha li trid il-ligi u li kienu mehtiega fic-cirkostanzi;

“2. L-incident u l-hsarat sehhew kollha bi htija ta` l-attur wahdu, minhabba sewqan bla razan, bi ksur tar-regolamenti tat-traffiku, u b`nuqqas ta` ghaqal u ta` galbu;

“3. Ia darba l-konvenut ma jahtix ghall-incident, ma hemm ebda danni li ghandu jaghmel tajjeb ghalihom hu.

“Salvi eccezzjonijiet ohra jekk ikun il-kaz.”

Rat l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenut li permezz taghha eccepixxa illi:

“4. L-attur ma ghandux interess u legittimazzjoni attiva biex imexxi b ‘din il-kawza – u ghalhekk il-konvenut ghandu jinheles mill-harsien tal-gudizzju – ghax il-vettura li garrbet hsara fl-incident, li dwarha l-attur qieghed jitlob danni, ma hijiex proprjeta` tal-attur.

Salvi eccezzjonijiet ohra jekk ikun il-kaz."

Rat is-sentenza tat-23 ta' Ottubru 2008 li permezz taghha l-Prim' Awla tal-Qorti Civili cahdet din l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenut;

Rat is-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili moghtija fit-12 ta' Jannar 2011 li permezz taghha cahdet it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra l-istess attur;

Rat ir-rikors tal-attur li permezz tieghu huwa talab illi din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza msemmija u minflok tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici fl-interita` taghhom u tichad l-eccezjonijiet tal-konvenut, bl-ispejjez kontra l-konvenut appellat.

Rat ir-risposta tal-appellat li permezz tieghu wara illi irrespinga l-aggravji tal-appellant fir-rigward tas-sentenza msemmija talab il-konferma tas-sentenza;

Illi l-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha b'dan il-mod;

"L-incident li ta lok ghal din il-kawza sehh fil-Hamrun fl-20 ta' Mejju 2003. L-attur kien qieghed isuq il-vettura tieghu Ford Cosworth bit-targa VIP 600 fi Triq San Guzepp, il-Hamrun, meta habat mal-vettura Fiat Regata EAO 379 misjuqa mill-konvenut li kienet harget minn Triq Caruana Demajo.

“Il-vettura tal-attur laqtet dik tal-konvenut fil-genb tax-xellug ta’ quddiem taghha, u mbaghad baqghet diehla fl-ewwel arblu tal-festa li kien mal-genb tat-triq, li tghawweg ‘l isfel, u mbaghad f’arblu iehor li wkoll tghawweg. Baqghet titkaxkar ghal xi tul sakem waqfet ma kiddie-ride machine li kien hemm quddiem il-Labour Party Club. Fl-incident weggghet Evelyn Caruana Demajo, li kienet riekba fuq wara tal-karozza misjuqa minn zewgha. L-attur ukoll kellu mieghu passiggier.

“L-attur fl-affidavit tieghu jghid hekk:

> “Jiena u Michael Camilleri konna fit-triq lejn il-Pjazza tal-Hamrun gejjin minn Sta. Venera.

“Hekk kif hrigna mil-liwja f’dik it-triq innotajt vettura fit-triq li hemm mill-genb tal-knisja. Din il-vettura bdiet hierga kemm kemm u bil-mod.

“Sadanittant konna qrobna mhux hazin u jien hsibt li ser tieqaf, minflok baqghet hierga. Ma tanix chance nevitaha ghal kollox u ghalkemm gbidt lejn ix-xellug xorta wahda ilqattha sbrixx fuq il-mudguard tal-passiggier.

“Brake ma zammejtx ghax konna vicin wisq.

“Mal-lemin tieghi kien hemm karozzi pparkjati.

“Fl-istess waqt qbadt il-bankina u tlift il-kontroll. Ilqatt zewg arbli li waqghu bid-daqqa u l-karozza spiccat angolata fuq il-bankina tistrih ma’ arblu iehor u kiddie-ride machine”.

“Il-passiggier tieghu jaqbel mieghu u jghid:

“Dakinhar tal-incident mal-Imhallef Caruana Demajo, kont fil-karozza ma’ Christopher Polidano fi Triq il-Kbira San Guzepp, Hamrun, sejrin fid-direzzjoni tal-Pjazza tal-Hamrun. Jiena nigi l-gharus ta’ oht Christopher.

“X’hin qrobna lejn it-triq li hemm mal-genb tal-knisja ta’ San Gejtanu fuq il-lemin, harget vettura minn fuq l-istop sign. Christopher gibed lejn ix-xellug biex jevitaha u kwazi rnexxielu tant li ghalkemm ghalqitilna triqitna, Christopher laqatha kemm kemm fuq il-pinna tal-passiggier bil-mudguard tan-naha ta’ Christopher.

“Meta l-karozza taghna gibdet lejn ix-xellug, qabdet il-bankina u lqatna zewg arbli tal-festa li kienu xi ghaxar piedi imbeghdin minn xulxin u gejna nistriehu ma’ magna tat-tfal li titfghalha l-flus u arblu iehor.. Iz-zewg arbli li semmejt ghelbu bl-impatt. Ma jidhirlix li saret hsara lil din il-magna jew lit-tielet arblu”.

“Il-konvenut jaghti l-verzjoni tieghu ta’ kif graw il-fatti kif gej:

“Qabel ma hrigt fit-triq ewlenija Triq San Guzepp waqaft ghax naf li hija triq sekondarja u ovvjament trid ... t-traffiku harist lejn iz-zewg nahat ma kien gej xejn, ma kien jidher xejn fil-parti vizibbli tat-triq. Bdejt hiereg bil-mod nikkontrolla z-zewg direzzjonijiet sa fejn huma possibli sa fejn jippermettili l-angolu ta’ livja tieghi u kif kont wasalt quddiem il-bieb ta’ l-Oratorju qisu faccata tal-vetrina ta’ Bonaci u kont ghadni xi ftit angolat mhux dritt ghal kollox f’daqqa wahda nhoss daqqa kbira il-karozza qomsot daret 90 grad u gejt wicci lejn il-bieb tal-Oratorju. F’dak il-hin ovvjament rajt il-karozza li laqtitni kienet gejja min-naha ta’ Sta. Venera rajtha titkaxkar at right angles mat-triq igifieri wiccha lejn il-hajt nofsha fuq il-bankina nofsha fuq it-triq habtet mal-pole tal-metal tal-festa ilwietu u baqghet ghaddejja, habtet ma’ pole iehor tal-metal l-istess ilwietu u baqghet ghaddejja u baqghet titkaxkar sakemm habtet ma’ dik il-magna tat-tfal li titfghalha l-flus u whatever ... machine li kienet quddiem il-Kazin tal-Partit Laburista u waqfet hemmhekk vicin it-traffic lights”.

“Huwa jghid ukoll:

“Le bazikament li nixtieq nenfasizza huwa l-fatt li jiena sakemm kienet ghadha vizibbli t-tul tat-triq kemm naha u kemm ohra ma kienx hemm traffiku jigifieri lahaq ipperkolla (ipperkorra) distanza bejn fejn kien meta ma kienx vizibbli

> sakemm laqatni fi ftit ta' hin sakemm jiena kont ikkommettejt ruhi li hrigt u qbadt it-triq lejn il-Belt".

"Evelyn Caruana Demajo, fl-affidavit taghha in atti tikkonferma:

> "Naf li r-ragel waqaf f'tarf it-triq qabel ma jidhol fit-triq principali. Dan niftakru ghax domt ftit inhares lejn xi tfajliet li kienu bilqieghda fuq it-turgien tal-hanut fuq ix-xellug, fil-kantuniera. F'hin minnhom hareg fuq it-triq principali trankwillament. Imbaghad malli gejna fuq il-lane tax-xellug fit-triq principali, fid-direzzjoni tal-Belt, u l-karozza taghna kienet ghadha ma gietx dritta kompletament, naf li gie dawl qawwi kbir minn warajna u hassejna daqqa kbira tant illi l-karozza taghna ntefghet wiccha lejn il-Knisja".

"Il-Qorti tinnota li x-xhieda Nadia Darmanin, Anna Micallef u Joanne Ciantar li lkoll xehedu quddiem il-Qorti tal-Magistrati fil-proceduri kontra l-attur. Kopja ta' dawn il-proceduri giet esibita fl-atti ta' din il-kawza. Ma ftakru xejn minn dak li kienu qalu lill-Pulizija ezatt wara l-incident u cioe' fejn tnejn minnhom ikkonfermaw speed eccessiv da parti tal-attur, u t-tielet wahda stqarret li rat il-karozza tal-attur maqtugha mill-art.

"Sabiex jirnexxielu jipprova li l-kawza prossima tal-incident kien l-agir tal-konvenut, l-attur kien jehtieglu jipprova illi l-konvenut naqas b'xi mod mill-obbligi tieghu hu u jesegwixxi l-manuvra ta' hrug mit-triq sekondarja ghat-triq principali. Hu jikkonferma li waqaf ghal kollox fil-kantuniera. Il-passiggier tieghu tikkonferma dan u tiftakar sew id-dettal tal-presenza tat-tfajliet mal-genb tat-triq.

"Rigward l-obbligu tieghu li jzomm proper lookout, jirrizulta li dan ghamlu ukoll. It-triq kienet vojta miz-zewg nahat meta ddecieda li johrog. L-attur isemmi l-possibilita' tal-karozzi pparkjati fuq ix-xellug tat-triq principali. Ghalkemm seta' kien hekk, dawn ma jtellfux il-vizwali tas-sewwieq li jkun niezel mit-Triq Caruana Demajo u dan ghaliex it-triq principali nnifisha hija wiesa' sew, u ghalhekk hemm distanza bizzejjed biex wiehed jara x'gej mill-karreggjata opposta. It-triq tassew hija ghal-liwja, pero' l-istess liwja hija sew qabel il-kantuniera li minnha hareg il-konvenut. Id-distanza bejn il-knisja li jikkonferma li seta' jara l-konvenut u l-kantuniera li hareg minnha hija twila.

“Il-Maggur S. Brincat jghid hekk:

“It-triq li minnha hareg l-Onorevoli Imhallef tara z-zewg nahat tat-triq u fuq ix-xellug tara sal-Bank of Valletta zgur anzi aktar ‘il fuq. Din id-distanza tista’ tara kemm jekk ikun hemm karozzi pparkjati mal-hajt tal-Bank u kemm le sakemm ovvjament ma jkunx xi trakk jew vettura kbira li tkun ipparkjata”. Dawn il-fatturi jassumu importanza akbar meta jittiehdu in konsiderazzjoni mal-velocita’ li biha kien qed isuq l-attur. Ghalkemm l-attur jiddikjara li kien qed isuq b’velocita’ ta’ bejn erbghin u hamsin kilometru, il-Qorti hi tal-fehma li r-rizultanzi tal-habta jixhdu mod iehor. Il-karozza tal-attur ma waqfitx mal-habta, izda daret ghal fuq ix-xellug, habtet f’arblu u ma waqfitx. Lanqas ma waqfet meta habtet mat-tieni arblu.

“Il-konvenut, fix-xhieda tieghu (fol. 57) jghid kategorikament:

“Rajtu jixkupa l-bankina at 90° mat-triq wiccu lejn il-hajt”.

“Waqfet biss mal-magna tal-loghob tat-tfal. Garrbet fil-fatt hsarat estensivi. Dan kollu jikkonferma l-momentum qawwi li kellha l-vettura minhabba l-velocita’ li kienet ghaddejja biha. Ta’ min jinnota li l-karozza tal-attur kienet Ford Escort 20 turbo 4 wheel drive b’magna “boosted”. Kienet ghaddejja b’velocita’ qawwija tant li perkorriet id-distanza mil-liwja ta’ fejn il-knisja ta’ Santu Nuzzu sa quddiem il-knisja ta’ San Gejtanu f’sekondi.

“L-attur stess fix-xhieda tieghu jghid:

“Ma tanix chance nevitaha ghal kollox u ghalkemm gbidt lejn ix-xellug xorta wahda ilqattha sbrixx fuq il-mudguard tal-passiggier.

“Brake ma zammejtx ghax konna vicin wisq”.

“Il-passiggier tieghu jikkonferma:

> "Meta rajt il-karozza tal-Imhallef l-ewwel darba kien diga' beda hiereg u f'dak il-mument konna vicin tieghu. Christopher ma kellux chance izomm".

"Il-Qorti ma tistax temmen li kien qed isuq b'velocita' normali ghaliex, ladarba hu stess jammetti li l-konvenut hareg bil-mod, f'dak it-tul ta' triq dritta kien ikollu cans jieqaf.

> "L-obbligu ta' proper lookout u ta' sewqan bil-galbu huwa dmir ta' kull xufier u r-regoli ta' precedenza qeghdin hemm sabiex jaghtu direzzjoni u jirregolaw l-imgieba fit-toroq, pero' certament m'humiex intizi biex iwarrbu l-prudenza fil-genb, lanqas ma huma ntizi sabiex xufier, ghax forsi ghandu d-dritta, ihoss li fit-triq jista' jsuq kif irid nonkuranti ta' utenti ohra" ("Micallef vs Mamo", deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla mill-Imhallef Joseph Zammit Mc Keon fit-30 ta' Marzu, 2010).

"F'dan il-kaz, il-main road user sar il-main road abuser u kienet l-imgieba tieghu li wasslet ghall-incident.

"Il-Qorti ma tistax ma tinnotax referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati, fejn l-attur odjern instab hati ta' hames akkuzi, in relazzjoni mal-incident tal-20 ta' Mejju, 2003.

"Naturalment il-gudizzju in sede penale jikkostitwixxi biss wahda mill-provi, pero' hi prova importanti anke ghaliex ukoll kull prova hi ammissibbli jekk hi logikament rilevanti ghall-kwistjoni fil-kawza bejn il-partijiet" ("Briffa vs Abela", deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla mill-Imhallef Philip Sciberras fit-28 ta' Marzu, 2003).

"Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talbiet tal-attur.

"L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-attur."

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta' Gunju 2014 li permezz tieghu il-kawza thalliet ghas-sentenza wara li l-Avukati tal-partijiet trattaw l-appell ;

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti esebiti.

Ikkonsidrat;

**AGGRAVJU TAL-ATTUR**

Kif inghad l-appellant qed jappella mis-sentenza ghaliex qed isostni li ghandu jkun l-appellat li jigi ritenut responsabbli ghall-incident in kwistjoni.

L-argument principali tal-appellant huwa li l-Qorti kellha qabel kollox tistharreg min mill-partijiet kellu d-dritt li jibqa' ghaddej minn triqtu minghajr ma jkollu l-obligu li jieqaf biex kif nghidu bil-Malti, 'jaghti d-dritta' lil haddiehor biex jghaddi. Dan ghaliex skont l-appellant ma kienx hemm dubbju li huwa kellu 'right of way' peress li kien ghaddej minn triq principali ossija '*major road'* kif imsemmi fl-Artikolu **76 tal-Motor Vehicles Regulations** (MVR). Dan jghid illi:

> "*A major road is one where all traffic going over it has the right of way and traffic on all other roads converging into it shall give way to that on the road referred to above, provided that the driver of any motor vehicle whether on a*

> *major or minor road shall at all times excercise due care and shall take all necessary precuations at any road junction*."

Anke l-**Artikolu 82** tal-MVR jghid illi '*the driver of a motor vehicle proceeding from a minor road into a major road is to give way to traffic on the major road'.*

Ma hemmx dubbju ghal din il-Qorti (u dwar dan anke l-ewwel Qorti jidher li ma kellhiex dubbju) illi kien l-attur illi kien ghaddej mit-triq principali u li l-konvenut hareg minn triq sekondarja – jista' jinghad li ftit hawn toroq f'Malta li huma manifestament 'a major road' daqs it-triq in kwistjoni u cioe` Triq San Guzepp il-Hamrun maghrufa bl-ingliz addirittura bhala St Joseph High Road.

Ghalhekk zgur li 'prima facie' l-attur kellu 'right of way'.

Dwar l-Artikolu 76 imsemmi, fis-sentenza riportata fil-**Vol. XLV.i.389** intqal li:

> ".. *id-driver ta' kull vettura sew fi triq principali u sew f'wahda sekondarja ghandu joqghod attent il-hin kollu u ghandu jiehu l-prekwazjonijiet mehtiega f'kull kantuniera, huwa pero` fatt inkontesat li l-oneru tal-utent tat-triq laterali huwa aktar gravuz minn dak tal-utent principali ghaliex il-manuvra li jkun se jaghmel fiha nnifisha tiddisturba l-kora ordinarju tat-traffiku li jkun ghaddej mit-triq principali*. (**Stagno Navarro v. Saliba)."**

F’dan il-kaz, jirrizulta wkoll li l-konvenut hareg minn triq li fiha kien hemm is-sinjal tal-waqfien (Stop Sign). Dwar dan l-Artikolu 75 tal-**Highway Code**, jghid li ***Stop means Stop***. Fil-manwal **Driving – The Department of the Environment Manual** wiehed isib miktub illi:

> “*On a stop sign you must stop. You must not then drive on and enter on the major road until you can do so without causing danger or making drivers on that road change speed or direction*.”

U fil-pagna 389 ta’ **Negligence in Delict**, l-awturi **Macintosh and Scobie** jghidu;

> “.. *the driver upon reaching a stop sign must bring his vehicle to a complete halt and must both look and listen in both directions in order to apprehend fully what vehicles are approaching, how far they are away and what speed they appear to be progressing and then only if quite satisfied that it is safe for him to enter the intersection may proceed further..”*

Fl-Appell Civili **Camilleri v. Demicoli** (27 ta’ Lulju 1981) dan li ghadu kif inghad kollu gie msemmi, u l-Qorti ziedet tghid illi;

> “*Il-grad ta’ diligenza, prudenza u attenzjoni li l-utent ta’ triq sekondarja obligat li jezercita huwa li jcedi ghat-traffiku ghaddej fit-triq principali li jesplora tajjeb it-triq u sahansita jieqaf biex u sakemm jaccerta ruhu li jista’ johrog bla hsara.*”

Huwa car allura li r-regoli tat-traffiku ixaqilbu nettament lejn it-tezi tal-appellant; l-oneru li kellu l-appellat kien bil-wisq akbar minn dak tal-appellant fis-sens li kellu jkun l-istess appellat li jcedi ghat-traffiku gej mit-triq principali u allura

minn fejn kien gej l-appellant. Dan l-oneru aktar jitqal meta wiehed jikkonsidra li l-appellat kellu jaqsam zewg karregjati tat-traffiku biex jibqa' ghaddej minn triqtu ghaliex mill-karregjata immedjata li ried jghaddi kien gej it-traffiku mid-direzzjoni opposta (biex wiehed ikun car fid-direzzjoni ta' Sta. Venera).

Tenut kont ta' dan kollu huwa evidenti li t-*tort principali* ghas-sinistru huwa tal-konvenut. Ladarba sehhet il-habta sinjal li jew kif stqarr huwa stess ma rax lill-appellant gej u allura ma zammx dik li tissejjah '*a proper look out'* - ghaliex kif nghidu is-sewwieq l-iehor ma nizilx mis-sema - jew inkella ma ikkalkolax tajjeb id-distanzi relattivi u allura ikkawza l-incident. L-ebda wahda minn dawn l-ipotesijiet pero` ma tezentah mir-responsabbilita` principali ghall-akkadut. Kif qalet il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **Jeffrey Caruana v. Carmel Montesin** (13 ta' Lulju 2010 – mhux appellata fir-rigward tar-responsabbilita` ghall-incident);

> "*Huwa ghall kollox irrilevanti ghall-accertament tal-htija tal-konvenut, il-post fejn sfat milquta l-vettura tal-konvenut u cioe` jekk kienx fil-pont ta' wara tax-xellug inkella fil-genb.. .. il-fatt centrali huwa li l-konvenut bhala utent tat-triq sekondarja, qabad u hareg fin-nofs tat-triq principali meta din it-triq ma kinietx libera mit-trafiku. Issa fejn inlaqat la jzid u lanqas inaqqas il-htija tieghu.*"

Ghandu jizdied li meta l-konvenut iddecieda li johrog fit-triq principali huwa beda hiereg bil-mod u "trankwilament". Dan kien zball. Meta l-konvenut iddecieda li johrog fit-triq principali kellu jkun deciz u determinat li jekk kien kollox *clear* allura kellu jfittex li jaqbad u jaqsam u mhux jehodha bil-mod

ghaliex fil-frattemp facilment tilhaq karozza u ssibu ma' wiccha f'nofs ta' triq bhalma gara. Di fatti l-attur jghid li lemah lill-konvenut "hekk kif hrigna mil-liwja" u allura jidher li tfacca wara li l-konvenut kien ikkontrolla t-triq, ma ra xejn u beda hiereg bil-mod.

Tibqa' allura l-kwistjoni jekk l-appellant, bis-sewqan tieghu ikkontribwixxiex ghall-incident. Dan ghaliex il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni tal-ewwel Qorti li huwa kien qed isuq b'velocita` eccessiva u dan jirrizulta car mill-konsegwenzi li halla l-incident. "**Ex admissis**" l-appellant jghid li kien qed isuq b'velocita` ta' 50-60 kilometri fis-siegha – anke 50 km fis-siegha huwa eccessiv f'dik it-triq – izda bil-mod kif spiccat imdawwra l-vettura tal-konvenut u l-hsara li garrab l-appellant jindika li kien qed isuq bi *speed* zgur akbar u certament mhux prudenti ghal-lok in kwistjoni.

Il-Qorti l-ewwel nett tghid li *mhux kull infrazzjoni tar-regolamenti tat-traffiku hija rilevanti biex wiehed jasal ghad-determinazzjoni tal-htija ghall-incident.* (**Micallef St John v. Spiteri**, Qorti tal-Appell 15 ta' Jannar 2002). Dak li huwa rilevanti huwa x'kienet il-kawza prossima tal-incident.

Dwar jekk il-velocita` eccessiva huwiex fattur ta' kontributorjeta` ghal responsabbilita` ta' incident dan huwa dibattut f'diversi sentenzi fejn f'hafna

minnhom gie ritenut li dan ma kienx fattur rilevanti – (Vide **Bartolo v. Micallef – Prim' Awla, 16 ta' Frar 1973 u Agius v. Cachia, Prim' Awla – 24 ta' Novembru 1982 u Anthony Piscopo v. Ruth Theuma – Prim' Awla – 23 ta' Ottubru 2013**).

Fil-fatt jista' jinghad illi bhala regola sewwieq li jkun qed isuq karozza b'velocita` eccessiva – jekk dan ma jkunx il-kawza determinanti tal-kollizjoni – ma ghandux jinsab responsabbli lanqas fi grad ta' kontributorjeta` purke` l-i*speed* tieghu ma jkunx dak li jissejjah sfrenat. (**S. Mizzi v. J. Grech, Prim' Awla, 23 ta' Marzu 1972**). Dwar dan il-punt il-Qorti tirreferi wkoll ghas-sentenza tal-istess Prim' Awla tat-23 ta' Marzu 1993 fl-ismijiet **Anna Stanley v. Alan Zahra** u ghal dik fl-ismijiet **Piscopo v. Theuma** gia` citata**.**

Fil-kaz in ezami, wara li stharrget l-atti il-Qorti jidrilha li l-attur appellant ukoll ikkontribwixxa ghall-incident u dan ghaliex kif ritenut f'diversi sentenzi, *anke s-sewwieq fi triq principali ma jistax jabbuza d-dritta tieghu. Fi kliem iehor ma jistax jaghlaq ghajnejh u ma jaghtix kaz ta' dak li jkun qed jigri quddiemu jew madwaru u jwarrab fil-genb kull regola ta' prudenza nkluz meta t-traffiku tat-triq sekondarja jkun ben in vista ghalih – allura anke hu jrid jiehu l-prekawzjonijiet tieghu* (**Caruana v. Montesin supra**).

Fis-sentenza fl-ismijiet **Jesmond Bonello v. Giulio Baldacchino – Appell, 15 ta' Jannar 1997 –** intqal illi *Il-velocita` eccessiva (in civilibus mhux limitata ghall-eccess ta' velocita` ghal dik regolamentari imma tista' tkun in eccess ta' dik konsentita lil sewqan prudenti skont ic-cirkostanzi) tista' titqies bhala fattur li jiddebita responsabbilita` jew kontributorjeta` ghas-sinistru f'kazi fejn jew jigi pruvat li dik il-velocita` kienet il-kawza prossima jew ikun ikkontribwixxa b'mod rilevanti ghall-aggravament tad-danni kagonati lill-istess sinistru.*

Kif qalet ukoll il-Prim' Awla fil-kawza fl-ismijiet **Paul Mamo v. John Muscat Doublesin – 9 ta' April 1963**, *l-ispeed eccessiv jittiehed in konsiderazzjoni meta dan ikun irrizulta fi hsarat akbar fil-karozzi involuti.*

F'dan il-kaz ma hemmx dubbju li s-sewqan tal-appellant aggrava d-danni fil-vetturi. Fuq l-iskorta tal-gurisprudenza passata kompriz dik taz-zewg kawzi appena citati (fir-rigward tal-kawza **Bonello v. Baldacchino** fl-ewwel istanza) l-Qorti se takkolla lill-appellant terz tar-responsabbilita` ghall-akkadut.

Minhabba li l-ewwel Qorti ma ippronunzjatx ruhha dwar id-danni din il-Qorti se tibghat lura l-atti ghal dan il-ghan biex il-partijiet ma jkunux imcahhda mill-beneficcju tal-hekk imsejjah ***doppio esame*** appuntu dwar il-likwidazzjoni tad-danni.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddisponi mill-appell billi tilqghu billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata moghtija fit-12 ta' Jannar 2011 u minflok in kwantu ghall-ewwel talba tiddikjara l-konvenut responsabbli ghal ($^{2}/_{3}$) zewg terzi u l-attur ghal ($^{1}/_{3}$) terz ghall-incident in kwistjoni.  L-ispejjez taz-zewg istanzi sa issa jkunu kwantu ghal terz ($^{1}/_{3}$) ghall-appellant u ($^{2}/_{3}$) zewg terzi ghall-appellat.

Il-Qorti tordna li l-atti jergghu jintbaghtu quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili biex tiddeciedi dwar it-talbiet l-ohra.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------